MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1350/1989/1

**Joseph Fenech soler bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Articraft Creative Services Limited ta' Notabile Road, Mriehel.**

**Vs**

**George Delicata bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' E. Delicata & Company Limited ta' The Winery, Swansea Street, Marsa**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi:

Peress illi bi ftehim verbali bejn il-kontendenti, l-konvenut nomine kien ordna minghand l-attur nomine numru konsiderevoli ta' *'magic cards'* in konnessjoni mal-Frutana Gifts Scheme, originata mill-konvenut nomine.

U peress illi l-konvenut nomine, nonostante nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, jinsab debitur lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef hames mija u disgha u sittin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm3,569.84), ammont dovut rapprezentanti l-bilanc ta' prezz akbar ta' erba miljun (4,000,000) 'magic cards' minnu ordnati u lilu kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Peress illi fl-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-konvenut nomine kien obbliga ruhu illi jhallas lill-attur nomine, oltre ghall-prezz ta' *'magic cards*' lilu forniti mill-attur nomine s-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) hekk kif in-numru ta' *'magic cards'* forniti lilu mill-attur nomine jilhqu l-figura ta' hames miljuni (5,000,000) u ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) meta l-figura msemmija tilhaq it-tmien miljuni (8,000,000).

U peress illi l-konvenut nomine qajjem diversi lanjanzi nfondati u minghajr ebda spjegazzjoni jew raguni valida fil-ligi, wara illi s-socjeta' attrici kienet fornietu b'madwar erba' miljun (4,000,000) 'magic cards', u ghalhekk ikkaguna l-ksur tal-ftehim fuq imsemmi.

U peress illi, bl-eghmil doluz tieghu, il-konvenut nomine kkaguna danni ngenti lill-attur nomine, konsistenti f'telf ta' qliegh.

U peress illi nonostante nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-attur nomine, l-konvenut nomine baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut nomine l-ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef hames mija u disgha u sittin

liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm3,569.84), rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz akbar ta’ *‘magic cards’* ordnati mill-konvenut nomine u lilu kkonsenjati mis-socjeta’ attrici;

2. Tiddikjara illi bl-eghmil doluz tieghu, l-konvenut nomine kkaguna danni ngenti lill-attur nomine konsistenti f’telf ta’ qliegh;

3. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi, dik is-somma in linea ta’ danni dovuta mill-konvenut nomine lill-attur nomine;

4. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine a fol. 4 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 124 tal-process fejn eccepixxa:

1. illi ma ghandux jaghti l-bilanc mitlub fic-citazzjoni peress illi porzjoni sostanzjali mix-xoghol ta’ stampar ta’ *‘magic cards’* li giet inkarigata taghmel is-socjeta’ attrici ma giex ezegwit skond is-sena u l-arti mhabba negligenza u nuqqas ta’ ‘*expertise’* minn naha taghha u bhala rizultat l-eccipjent noe sofra danni u ghalhekk ikun opportun illi jigu likwidati dawn id-danni sabiex jigi stabbilit min verament ghandu jaghti lil min.

2. Illi ma ghandux jaghti l-bilanc mitlub fic-citazzjoni peress illi hafna mill-merkanzija ohra ordnata mis-socjeta’ konvenuta minghand is-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-‘Gift Scheme’ msemmija fic-citazzjoni kienet b’mod jew iehor difettuza u bhala rizultat l-eccipjent noe sofra danni u ghalhekk ikun opportun illi jigu likwidati dawn id-danni sabiex jigi stabbilit min verament ghandu jaghti lil min.

3. Illi sussisdjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost kien hemm ftehim bejn il-kontendenti li tlett elef lira (Lm3,000) mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici bhala bilanc tal-prezz akbar ta’ erba’ miljun (4,000,000) *‘magic cards’* mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta kellhom jigu mahfura u dan bhala kumpens ghad-danni sofferti mis-socjeta’ konvenuta kif spjegat fl-ewwel u t-tieni eccezzjoni; u li ghalhekk jekk hemm bilanc dovut dan hu ta’ hames mija disgha u sittin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm569.84).

4. Illi m’huwiex minnu li fil-ftehim bejn il-partijiet ghall-produzzjoni mis-socjeta’ attrici tal-‘*magic cards’* msemmija fic-citazzjoni, l-eccipjent nomine kien obbliga ruhu li jhallas lill-attur nomine, oltre l-prezz ta’ *‘magic cards’* lilu forniti mill-attur nomine, s-somma ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000) hekk kif in-numru ta’ ‘magic cards’ forniti lilu jilhqu l-figura ta’ hames miljuni (5,000,000) u ghoxrin elf lira (Lm20,000) meta l-figura msemmija tilhaq it-tmien miljuni (8,000,000).

5. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk hu minnu li kien hemm ftehim fis-sens allegat mis-socjeta’ attrici, ma kien hemm ebda ftehim dwar kemm-il ‘*magic cards’* kellha tordna s-socjeta’ konvenuta;

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed jaccetta li kien hemm ftehim li kellhom jigu ordnati tant ‘magic cards’ mis-socjeta’ konvenuta, ma huwiex allegat li kien hemm ftehim dwar meta s-socjeta’ konvenuta kellha tezigwixxi l-“obbligu” taghha u ghalhekk, f’dan il-kaz, japplika s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1130 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost kienet is-socjeta’ attrici li unilateralment waqfet mill-produzzjoni tal-‘*magic cards’* in kwistjoni.

8. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-lanjanzi mqajjma mis-socjeta' konvenuta kienu fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

9. Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, li parti ghal ftehim tqajjem "lanjanzi nfondati u minghajr ebda spjegazzjoni raguni valida fil-ligi" ma tikkostitwix, fiha nnifisha, ksur tal-ftehim.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** noe a fol. 128 fejn ippremetta:

Illi l-eccipjent noe jrid jinqeda bic-citazzjoni li ghamel l-attur noe biex jaghmel kontro-talba fis-sens li premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportun.

Peress illi s-socjeta' attrici giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta tistampa u tissuplixxi numru ta' *"magic cards"* li kellhom u ghadhom jintuzaw f' "Gift Scheme" li s-socjeta' konvenuta kienet qieghdha u ghadha taghmel.

Peress illi s-socjeta' attrici giet ukoll inkarigata mis-socjeta' konvenuta biex tissuplixxi ammont ta' merkanzija konsistenti f'rigali li s-socjeta' konvenuta kienet qieghdha u ghadha tuza fl-imsemmija "Gift Scheme".

Peress illi numru tal-"magic cards" hawn fuq imsemmija li gew forniti lis-socjeta' konvenuta kienu difettuzi mhabba negligenza u nuqqas ta' "*expertise*" minn naha tas-socjeta' attrici fl-esekuzzjoni tal-inkarigu taghha u bhala rizultat s-socjeta' konvenuta sofriet u ghadha ssofri danni konsiderevoli u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi s-socjeta' attrici hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti u li ghadhom jigu sofferti mis-socjeta' konvenuta.

Jghid ghalhekk l-istess attur noe il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandux minn dina l-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi hu responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut noe bhala rizultat ta' negligenza nuqqas ta' "*expertise*" fl-esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu li jistampa u jissuplixxi numru ta' "*magic cards*" u ta' inadempjenza tal-obbligi minnu assunti verso l-eccipjent noe ghar-rigward tal-oggetti forniti bhala rigali;

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-eccipjent noe okkorrendo permezz ta' perit nominandi; u

3. Jigi kkundannat ihallas lill-eccipjent noe d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur noe ngunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** ta' Joseph Fenech Soler nomine a fol. 132 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi ma huwiex minnu illi s-socjeta' attrici kkagunat xi danni allegatament sofferti mill-konvenut nomine bhala rizultat ta' xi negligenza u nuqqas ta' "*expertise*" fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilha mill-istess socjeta' konvenuta.

2. Illi lanqas ma hu minnu illi s-socjeta' attrici forniet lill-konvenut nomine b'numru ta' oggetti, bhala rigali, li kienu difettuzi.

3. Illi ghalhekk l-attur nomine ma ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-konvenut nomine u, konsegwentement, it-talbiet kollha dedotti fil-kontro-talba tal-konvenut nomine ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-digriet a fol. 32 li biha gie nominat Dr. Peter Fenech bhala perit legali in sostituzzjoni ta' Dr. R. Pace.

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Relazzjoni Perit Legali**

Il-Perit legali wasal ghall konkluzzjoni li t-talba attrici ghandha tigi milqugha mentri l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontrotalba tieghu ghandhom jigi michuda.

Il-Perit issottometta li kien hemm ftehim fuq hlasijiet billi mhux verosimili li l-konvenut noe kien ser jidhol ghan-negozju u jkompli b'dak in-negozju meta skond hu ma kienx hemm accettazzjojni da parti tieghu fuq punti kardinali tan-negozju. Il-Perit irritjena li l-bilanc mitlub mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut noe izda qed jikkontendi li kien hemm difetti fil-*cards* konsenjati u li l-atturi kienu accettaw li jnaqqsulu Lm3,000 bhala danni likwidati minhabba f'hekk. Il-Perit legali jaqbel ma l-atturi li fil-fatt ma kien hemm ebda ftehim fis-sens li qed jghid il-konvenut. Dwar l-ilment tal-konvenut noe dwar difett fix-xoghol il-perit jaqbel li fil-fatt kien hemm *cards* difettuzi, izda minkejja dana x-xoghol tkompla, l-iskema saret, gew stampati ta' l-anqas erba' miljun *card* u ghalhekk dawn il-problemi ma setghux kellhom effett negattiv fuq l-iskema.

**Kontestazzjoni tal-konkluzzjonijiet peritali**

L-atturi jossottomettu li kwantu ghal l-ewwel talba taghhom ghall bilanc tal-prezz fuq l-*magic cards* huma jistriehu fuq il-konkluzzjoni tal-perit.

Rigward it-talba taghhom ghad danni kagjonati mill-konvenut konsistenti f'telf ta' qliegh, jissottomettu li mill-konkluzzjonijiet tal-perit legali jirrizulta li sa  mill bidu ta' l-iskema kienu gja gew stampati ftit inqas mill-ewwel target ta' 5 miljun card; li x-xoghol li sar ma kienx difettuz u ghalhekk il-konvenut noe ma kellux raguni ghaliex iwaqqaf il-ftehim. Minhabba f'hekk il-konvenut noe ikkaguna telf ta' dhul fis somma ta' Lm10,000 skond il-ftehim jew somma proporzjonali ghall erba' miljun *card* li lahqu stampaw.

Minn naha l-ohra, dwar l-ewwel talba, l-konvenut noe qed jippretendi li l-atturi kienu accettaw li jaghtuh *discount* ta' Lm3,000. Skond il-konvenut il-perit legali kellu jevalwa x-xhieda ta' l-attur u dik tal-konvenut u jiehu in konsiderazzjoni l-ispejjez li nkorra l-konvenut biex jintwera kemm kienet gustifikata it-tnaqqis ta' dawn il- Lm3,000.

Dwar it-talba ta' l-atturi ghal hlas ta' danni l-konvenut noe issottometta li ma kien jezisti ebda ftehim konklussiv u ghalhekk il-konvenut ma kiser ebda ftehim. Anzi kien l-attur li ma kompliex ix-xoghol u kien qed jippretendi hlas ta' Lm3,000 qabel ma jkompli.

Kwantu ghall kontrotalba ghad-danni sofferti mill-konvenut noe minhabba negligenza u nuqqas ta' *expertise* da parti ta' l-atturi, il-konvenut issottometta li kien hemm *magic cards* difettuzi, *gifts* li kienu jidhru minn wara l-linka; *delivery dates* li ma nzammux, *gifts* kienu esageratament ipprezzati.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi wara li rat il-konkluzzjonijiet tal-perit legali nominat, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ser taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet.

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li effettivament il-partijiet kienu ftehemu li kellu jsir x-xoghol in kontestazzjoni kif miftiehem billi mhux verosimili li l-konvenut noe ser jaccetta li jsir xoghol ta' *printing* li lahaq l-erba' miljun *card* meta skond hu kien ghad hemm punti mportanti li ma kienx ghad intlahaq ftehim fuqhom, jew li kull ma kien hemm kien biss suggeriment u xejn konklussiv.

Il-konvenut qed jeccepixxi li x-xoghol li tawh l-atturi kien xoghol mhux skond is-sengha u xoghol difettuz. Jirrizulta mill-provi li fil-fatt fil-bidu kien hemm xi *cards* li hargu hazin, u li dawn kienu gew irrangati u minn naha tal-konvenuti (Bonello) kienu qalulhom biex ikomplu bix-xoghol u fil-fatt ix-xoghol tkompla ghal diversi xhur wara dan l-ilment. Inoltre kif ikkonkluda l-perit legali minkejja dawn il-problemi, xoghol tkompla, l-iskema saret, gew

stampati ta' lanqas erba' miljun *card* u li dawn il-problemi ma kellomx effett negativ fuq l-iskema. L-atturi spjegaw x'kienet il-problema dwar l-inka fuq il-*card* u kif dina giet solvuta qabel ma l-*cards* hargu ghall pubbliku. Inoltre huma spjegaw li kien hemm bzonn li tingab l-inka minn barra ghax kien hemm biegh aktar minn prevvist.

Il-konvenut noe eccepixxa ukoll li l-atturi kienu accettaw li jaghtuh Lm3,000 *discount* ghad-danni li sofra. Fl-ittra a fol. 135 pero' l-atturi jirreferu ghal talba tal-konvenut noe biex jitnaqqsulu dawn t-Lm3,000 imma dina l-proposta qatt ma giet accettata. Fil-Qorti ma ngabet ebda prova li kien hemm xi ftehim iehor f'sens kuntrarju.

Kwantu ghat-talba ta' l-atturi ghal-danni allegatament sofferti minhabba dak li semmew bhala ksur tal-ftehim da parti tal-konvenut noe, huma l-atturi li jridu jippruvaw li sofrew danni. Dina l-prova ma saritx. Huma qed jippretendu s-somma ta' Lm10,000 jew parti proporzjonali ghax huma kienu kwazi lahqu l-ewwel *target*. Fil-fatt izda jirrizulta li l-atturi ma kienux lahqu dana t-*target* u ghalhekk l-ammont li suppost kien miftiehem ma hux dovut.

Finalment in vista ta' dan li diga gie deciz il-Qorti fuq l-eccezzjonijiet tal-konvenut noe kif ukoll billi ma ngabux provi ohra dwar l-allegati danni sofferti mill-konvenut noe, il-kontrotalba tieghu ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi
U tichad it-talbiet l-ohra;
Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut noe kif ukoll il-kontrotalba tieghu;
Bl-ispejjez kwantu ghall tlett kwarti ghall-konvenut u kwart ghall atturi;
U bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------